MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 598/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**Kawtelatorju bin-Numru 766/2012**
**Fl-ismijiet:**

**Dr. Carmel Chircop (ID 35164M) u**
**P.L. Edgar Montanaro (ID 22049M)**

**vs**

**Dolphin Industrial Services Ltd**
**(C28232)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Ltd (C28232) tal-4 ta' Lulju, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi fuq talba tal-Avukat Dr. Carmel Chircop u tal-P.L. Edgar Montanaro, Permezz ta' digriet datat 4 ta' Gunju 2012, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru*

*kawtelatorju kontra s-socjeta' rikorrenti, u dan sabiex jigi kawtelat l-ammont ta' "€8757.97 skond l-anness taxxi dok A u B oltre €1280.42 VAT b'kollox €10038.39 (ghaxar telef tmienja u tlettin ewro erbgha u tlettin centezmu) drittijiet professjonali fil-kawzi "Joseph Caruana & Co Ltd. vs Dolphin Industrial Services (699/09)" u C&M Development Ltd vs Louis Farrugia et, ta liema kawzi l-esponent irrinunzjaw ghal patrocinju" , kopja ta' liema mandat qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok DIS 1',.*

*Illi in konsegwenza ta' tali mandat, jidher illi gew sekwestrati flejjes li jinsabu depozitati f'idejn ir-Registatur ta' din l-Onorabbli Qorti, kif jidher mid-dokumenti li qed jigu hawn annessi u mmarkati 'Dok DIS 2' u 'Dok DIS 3' .*

*Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta' rikorrenti, hemm diversi motivi ghalfejn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta illi l-att kawtelatorju in kwistjoni ghandu jigi revokat.*

***1. L-Ammont Kawtelat Mhux Gustifikat u Hu Eccessiv***

*Illi primarjament il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jitratta dwar Zewg (2) taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji f' zewg kawzi separati fis-segwenti ismijiet :*

1. *Joseph Caruana & Co. Ltd. vs Dolphin Industrial Services Ltd - Cit Nru: 699/09 GCD*
2. *C&M Development Limited vs Louis Farrugia et - Cit Nru: 1238/09 CFS*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet Joseph Caruana & Co. Ltd. vs Dolphin lndustrial Services Ltd minn ammont totali ta' €2,196.49, is-somma ta' €1,774.88 tirrapprezenta drittijiet tal-avukat u tal-P.L., filwaqt li r-rimanenti, cioe' €421,.62 tirrapprezenta spejjez tas-socjeta' konvenuta. L-element ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kalkolabbli frq l-ammont ta' drittijiet, jigifieri €1,774.88, jammonta ghal €319.48.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet C&M Development Limited vs Louis Farrugia et minn ammont totali ta' €6,6561.48, is-somma ta' €5,557.53 tirrapprezenta drittijiet tal-avukat u tal-P.L., filwaqt li r-rimanenti, cioe' €1,003.95 tirrapprezenta spejjez tal-konvenut. L-element ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kalkolabbli fuq l-ammont ta drittijiet jigifieri €5,557.53, )ammonta ghal €1,000.36.*

*Illi ghalhekk, l-ammont komplessiv li a bazi tieghu seta' jinhareg mandat fir-rigward ta' dawn il-zewg taxxi huwa dak ta' €8,652.25. Dan l-ammont huwa maghmul minn €7,774.88 in kwantu ghal drittijiet u I-VAT ta' €319.48 rigward il-kawza fl-ismijiet Joseph Caruana & Co. Ltd. vs Dolphin Industrial Services Ltd, u kif ukoll €5,557.53 in kwantu ghal drittijiet u I-VAT ta' €1,000.36 rigward il-kawza fl-ismijiet C&M Development Limited vs Louis Farrugia et.*

*Illi dan l-ammont huwa ferm inqas minn dak li ghalih inhareg il-mandat ta' sekwestru odjern, u b'hekk m'ghandu jifdal l-ebda dubju illi l-ammont mitlub mhux gustifikat u huwa eccessiv, ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***2. Hemm Garanzija Xierqa Ohra Sabiex Tissodisfa l-Pretensjoni tas-sekwestranti***

*Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor (bin-numru 1327/2011), kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok DIS 4' mahrug qabel il-mandat ta' sekwestru odjern (senjatament fis-26 ta' Settembru 2011),l-Avukat Carmel Chircop talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta' €183,000 kontra fost l-ohrajn, is-socjeta' rikorrenti. Il-mandat ta' sekwestru odjern gie pprezentat fl-1 ta' Gunju 2012, filwaqt li t-taxxa relattiva ghall-kawza fl-ismijiet Joseph Caruana  Co. Ltd. vs Dolphin lndustrial Services Ltd inharget fil-25 ta' Frar 2011 (u ghalhekk qabel il-mandat bin-numru 1327/2011, tas-26 ta' Settembru 2011), b'dan illi ghalhekk isegwi illi din it-taxxa hija certament kompriza u inkluza fl-imsemmi mandat ghall-ammont ta' €183,000.* [1]

*Illi di piu jirrizulta li permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru1297/2011, kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok DIS 5', is-sekwestrati fil-mandat bin-numru 1327/2011 imsemmi iktar'il fuq ghamlu depozitu ta' garanzija bankarja fl-ammont ta' €183,000 fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' liema ipprezentaw garanzija xierqa sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hija assigurata.*

[1] *Dwar it-taxxa relattiva ghall-kawza fl-ismijiet CEM Development Limited vs Louis Farrugia et, vide punt 3 hawn taht.*

*Illi in vista ta' din il-garanzija nhar l-4 ta' Ottubru 2011, gie pprezentat kontromandat bin-numru 1384/2011 quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jitwaqqfu l-effetti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1327/2011, liema kontromandat gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 18 ta' Ottubru 2011. Vide l-anness 'Dok DIS 6'.*

*Illi in vista ta' dan, jidher illi l-mandat odjern ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***3. Wahda mill-Htigijiet tal-Ligi ghall-Hrug tal-Mandat ma Tezistix***

*Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 829 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid car u tond illi "Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha..." . Hawnhekk l-intenzjoni tal-leigizlatur hija wahda cara - persuna tista' tohrog att kawtelatorju kontra persuna li kontriha ghandha jedd, cioe' persuna li tikkwalifika bhala d-debitur tal-kawzali in kwistjoni. Jekk dan ma jkunx il-kaz, allura, il-persuna milquta mill-att kawtelatorju tista' titlob illi l-persuna li fuq talba taghha ikun sar il-mandat tigi kkundannata sabiex thallas penali skont it-Ligi stante li l-mandat ikun inhareg b'mod frivolu u vessatorju.*

*Illi jigi rilevat illi in kwantu ghall-kawza fl-ismijiet C&M Development Limited vs Louis Farrugia et, is-socjeta' rikorrenti qatt ma kienet parti fl-istess kawla, u ghalhekk isegwi illi din hija res inter alios acta, u li s-socjeta' rikorrenti qatt ma tista' tigi obbligata thallas dan l-ammont stante illi l-ammont in kwistjoni ma jirrigwardax lilha.*

*Illi minn dan isegwi illi l-inkluzjoni ta' dik il-pretensjoni fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni hija wahda li ma tista' twassal imkien u li allura definittivament saret b'mod frivolu u vessatorju, u sabiex tkun ta' inkonvenjent lill-parti sekwestrata.*

*Illi madanakollu, s-socjeta' rikorrent mhix ser tinsisti ghall-hlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhix titlob l-istess permezz tar-rikors odjern.*

*Illi fid-dawl ta' dan isegwi illi l-mandat odjem ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***4. Fic-Cirkostanzi Mhux Ragonevoli li l-Mandat jinzamm fis-Sehh***

*Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u l-Avukat Carmel Chircop kien fis-sens illi dan kellu jigi kkumpensat ghas-servizzi tieghu fuq bazi ta' retainer, u illi tali retainer kellu jkun l-uniku pagament dovut lill-istess Avukat Carmel Chircop tas-servizzi pprestati minnu.*

*Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ispejjez illi jiffurmaw parti mit-taxxi esebiti mal-mandat odjern gew imhallsa mis-socjeta' rikorrenti stess u mhux mis-sekwestranti, u dan kif ser jigi ppruvat matul dawn il-proceduri, b'dan illi l-inkluzjoni tal-istess spejjez fl-ammont ikkawtelat huwa skorrett.*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-mandat odjern ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi finalment is-socjeta' rikorrenti tirrileva illi minhabba fil-mandat ta' sekwestru odjern, flejjes li jinsabu depozitati fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti u li huma dovuti lil terzi ma jistghux jigu zbankati, u b'konsegwenza ta' dan is-socjeta' rikorrenti qiegheda tigi ppregudikata serjament. In vista' ta' dan is-socjeta'rikorrenti ser titlob illi dan ir-rikors jigi deciz b'urgenza ai termini tal-Artikolu 836(4) tal-Kap .12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***5. Il-Mandat Odjern Qatt ma Kellu Jinhareg***

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li l-mandati kawtelatorji mahsubin mil-Ligi skont l-Artikolu 829 et seq tal-Kap. 12 huma intili sabiex wiehed iqieghed fiz-zgur jeddijiet li jista' jkollu QABEL ma jkun hemm decizjoni. Fil-kaz odjern, l-allegat debitu huwa dwar taxxi mahruga mill-Qorti, li skont 1-Artikolu 253(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija titolu ezekuttiv.*

*Illi ghalhekk, qatt ma kellu jinhareg mandat kawtelatorju fil-konfront ta' dawn it-taxxi. Ghall-kuntrarju, li kellu jsir kien illi t-taxxi l-ewwet jigi rezi ezegwibbli hekk kif irid l-Artikolu*

*256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li jkunu gew hekk rezi ezegwibbli, il-kreditur ikun jista' jipprocedi bil-mezz tal-mandati ezekuttivi, mahsuba appozitament bl-Artikolu 273 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ghalhekk isegwi illi l-mandat odjern huwa null.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

1) *Tiddeciedi dwar ir-rikors odjern b'urgenza ai termini tal-Artikolu 836(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2) *Tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 766/2012 fl-ismijiet Dr.Carmel Chircop (ID 35164M) u P.L. Edgar Montanaro (ID 22049M) vs Dolphin Industrial Services Ltd (C28232) huwa null u ghalhekk thassar u tirrevoka l-istess.*

3) *Subordinament fl-eventwalita' li ma tilaqax it-tieni talba, thassar u tirrevoka 1-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 766/2012 fl-ismijiet Dr. Carmel Chircop (ID 35164M) u P.L. Edgar Montanaro (ID 22049M) vs Dolphin lndustrial Services Ltd (C28232) ai termini tal-Artikolu 836(1) (b) u / jew (c) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 2014 li bih appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-Gimgha 18 ta' Lulju 2014 fid-9:15am;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati l-kontro parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-P.L. Edgar Montanaro (ID 22049M) tas-17 ta' Lulju 2014 li taqra hekk:

*"Illi in l-esponent qieghed jirrinunzja ghal kwalunkwe drittijiet dovuti lilu fil-proceduri C & M Development Limited vs Louis Farrugia et (Kawza numru 1238/09 CFS) u fil-proceduri Joseph Caruana & Co. Ltd vs Dolphin Industrial Services Ltd (Citaz Nru. 699/09 GCD) u ghalhekk qieghed ukoll jirrinunzja ghal mandat ta' sekwestru fuq imsemmi in kwantu jirreferi ghad-drittijiet dovuti lilu."*

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Carmel Chircop tal-21 ta’ Lulju 2014 li taqra hekk:

*“Illi s-socjeta rikorrenti, Dolphin lndustrial Services Ltd, permezz ta' rikors datat 4 ta' Luliu, 2014 qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju [illum Ezekuttiv] numru 766/2012.*

1. *Illi fis-seduta tat-18 ta' Lulju,2014, l-PL Edgar Montanaro, permezz ta' l- avukat tieghu, ipprezenta risposta fein informa lil Onorabbli Qorti li huwa kien qed jirrinunzja ghal-hlasijiet dovuti lilu bhala prokuratur legali rigward iz-zewg taxxi gudizzjarji mertu tal-mandat ta' sekwestru. Din ir-rinunzja ghal hlas da parti tal-prokuratur legali bla ebda mod ma ghandha tippregudika d-dritt tal-Avukat Carmel Chircop li jithallas id-drittijiet professionali dovuti lilu. L-Avukat Chircop sal-gurnata tal-prezentazzjoni ta'din ir-risposta ghadu ma thallasx dak dovut lilu mis-socjeta rikorrenti rigward iz-zewg kawzi li dwarhom inhargu it-taxxi gudizzjarji.*

2. *Illi s-socjeta rikorrenti fir-rikors odjern, ma kienetx onesta ma din l-Onorabbli Qorti u dan ghaliex naqset li tinforma lil Onorabbli Qorti illi l-istess socjeta kienet diga ipprezentat rikors simili nhar il-11 ta’ Lulju, 2012 - rikors numru 978/2012 MM - fejn tablet il-hrug ta' kontromandat ta' l-istess Mandat ta' Sekwestru numru 766/2012,liema rikors kien gie trattat mill-partiiiet u deciz mill-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar it-8 ta’ Awwissu, 2012 fejn l-Onor. Imhallef Mark Chetcuti fid-digriet tieghu cahad it-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti ghal hrug tal-kontromandat. L-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha kienet qalet:*

   **"ll-Qorti regghet rat ir-rikors. Rat ir-risposta ta' Dr Carmel Chircop tat-30 ta'Lulju, 2012 fejn jirrizulta illi l-mandat in virtue ta'titoli ezekuttivi skond taxxi tal-Qorti u ittri ufficjali li rrendew it-titolu ezegwibbli. Tichad it-Talba”** *[ara DOK 1 anness]*

   *Illi ghaldaqstant permezz ta' l-imsemmi digriet, fejn l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ghal hrug tal-kontromandat u fl-istess hin ikkonfermat li l-mandat ta' sekwewstru kien gie rez ezekuttiv u ezegwibbli, din l-Onorabbli Qorti diga tat id-decizjoni finali taghha dwar il-mertu. Kemm il-fatti, kif wkoll l-mertu huwa l-istess, u dawn gew*

*trattati precedentement quddiem l-Onorabbli Qorti. Ir-rikors odjern huwa repettizjoni tar-rikors ipprezentat sentejn ilu.*

*Illi bir-rispett kollu lejn din l-Onorabbli Qorti, gia la darba l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta tat digriet fuq l-istess mertu, ma jistax ir-rikorrent jerga jipprezenta rikors iehor fejn jitlob lil Onorabbli Qorti tikkonsidra talba ghal-hrug tal-kontromandat ta' l-istess mandat ta' sekwestru. Ma tistax is-socjeta rikorrenti tibqa tipprezenta rikors wiehed wara l-iehor sakemm isib Qorti li tikuntentieha.*

*Illi id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta'Awwissu, 2012 ma huwiex proceduralment wiehed appellabbli u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax tithalla tintuza mis-socjeta rikorrenti bhala Qorti ta'Appell jew qorti ta'konvenjenza biex terga tikkonsidra talba li l-Onorabbli Qorti diga tat decizzjoni finali dwarha.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jifhem li ma hemmx ghalfejn wiehed iwiegeb l-argumenti ipprezentati mis-socjeta rikorrenti fir-rikors taghha, dawn gew gia trattati mill-Onorabbli Qorti u hemm decizjoni finali dwarhom.*

**3.** *Illi esponenti wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien ipprezenta zewg ittri gudizziarji - numru 1597/112 u 1681/12 - sabiex ai termini tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta irez t-talbiet tieghu titolu ezekuttiv. L-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha hawn fuq citat kienet hadet konoxxenza ta'dan, in fatti l-Qorti qalet carament illi l-ittri ufficjali " **rendew it-titolu ezegwibbli**'. Is-socjeta rikorrenti qed titlob il-hrug ta'kontromandat a bazi tal-artikolu **836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiprovdi biss dwar atti kawtelatorji**. Il-mandat odjern ma huwiex wiehed kawtelatorju, huwa mandat ezekuttiv kif qalet ben tajjeb il-Onorabbli Qorti diversament preseduta fid-digriet taghha u ghaldaqstant l-artikolu 836 ma japplikax ghal mandat in kwistjoni. L-esponenti ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront tas-societa rikorrenti, tant huwa hekk li l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha qalet li l-esponent ghandu dritt jinfurzah kontra s-socjeta rikorrenti ghax ma ghadux aktar wiehed kawtelatorju. Ghalhekk, il-mandat in kwistjoni ma jistax jigi attakat mis-socjeta rikorrenti permezz tal-proceduri odjerni.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-Avukat Carmel Chircop jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad bl-ispejjez it-talbiet kollha tas-socjeta Dolphin Industrial Services Limited.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-paritjiet;

**Ikkonsidrat**

Illi d-Direttur tas-socjeta’ Dolphin Industial Services Limited, Daniel Farrugia, ikkonferma bil-gurament illi Dr. Chircop kien Direttur u Avukat tal-kumpanija taghhom ghal perjodu ta’ bejn sentejn u tlett snin u ghal dan is-servizz Dr. Chircop kellu *retainer* mis-socjeta’. Dan ir-*retainer* kien ikopri ix-xogholijiet kollha tieghu inkluz l-ispejjez legali ecetto l-ispejjez tal-P.L. u l-ispejjez tar-Registru tal-Qorti. Huwa ezebixxa *cheque* Dok. DF1 mahrug mis-socjeta’ Dolphin Industrial Services lill-P.L. Edgar Montanaro.

Il-Qorti rat u ezaminat ir-risposta tal-P.L. Edgar Montanaro cioe’ r-rinunzja skondizzjonata tieghu ghal-mandat ta’ sekwestru 669/2009, ghall-kawza 1238/2009 u ghall-mandat ta’ sekwestru meritu ta’ dawn il-proceduri u cioe’ 766/2012.

Il-Qorti rat u ezaminat l-atti allegati u cioe’ l-atti tal-mandat ta’ sekwestru 978/2012 u 1024/2012, minnn fejn jirrizulta illi hemm garanzija bankarja rilaxxata minn Dolphin Industrial Services Limited fl-ammont ta’ mija u tlieta u tmenin elf Ewro( **€183,000)** datata 26 ta’ Settembru 2011 Dok. DIS 4 sabiex tkopri il-pretensjonijiet tal-intimat Dr. Chircop.

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 766/12 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b)(c)(d)(e) u (f) tal-Kapitolu 12.

Illi l-**artikolu 836 (1) (b) (c) (d) (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;***
>
> ***(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;***
>
> ***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;***
>
> ***(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* **Artikolu 836** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Mill-mandat 766/2012 innifsu (vide Dok. DIS 1 a fol.6 sa 9) hemm indikat illi l-mandat huwa kawtelatorju bil-kliem "in esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv hawn isfel imsemmi" maqtugha u aktar l-isfel fil-parti indikata "Kawzali" l-kliem titoli ezekuttiv huma wkoll maqtugha. Illi di piu' Dok. DIS 2 u DIS 3 a fol. 10 u 11 jindikaw kjarament n-natura tal-mandat bhala dak kawtelatorju.

Illi skond il-kitba fuq l-istess mandat Dok. DIS 1, jirrizulta illi l-mandat kawtelatorju kien ghal spejjez legali skond it-taxxi Dok. A u B a fol. 7 u 8 liema taxi jirrigwardaw :

1. Il-kawza Joseph Caruana & Company Limited vs DIS:

   d-drittijiet tal-Avukat u tal-P.L. jammontaw ghall- €1,774.88 (vide taxxa a fol. 8)
   u VAT jammonta ghall- € 319.48

2. Il-kawza C&M Developments Limited vs Louis Farrugia:

d-drittijiet tal-Avukat u tal-P.L. jammontaw ghall- €5,557.53 (vide taxxa a fol. 7)
u VAT jammonta ghall- €1,000.36

**Total : €8,652.25**

Dan l-ammont huwa **ferm anqas** mill-ammont pretiz fis-sekwestru kawtelatorju mahrug mill-attur fl-1 ta' Gunju 2012 – vide fol. 6.

Illi di piu dan l-ammont ta'€8,652.25 **jinkludi it-taxxa tal-mizati tal-P.L. Edgar Montanaro.** Illi fil-kaz in ezami **<u>hemm rinunzja</u> piena u inkondizzjonata** da parti ta' Edgar Montanaro u ghaldaqstant isegwi illi mit-taxxi ezebiti a fol. 7 u 8 terga titnaqqas b'mod sostanzjali s-somma vantata.

**Apparti dana kollu jidher illi t-taxxa tal-mizati dovuti lill-Avukat u P.L. fil-kawza fl-ismijiet C&M Developments Limited vs Louis Farrugia u cioe' €5,557.53 u VAT ammontanti- €1,000.36 (vide taxxa a fol. 7), <u>kienu gia kawtelati permezz ta' garanzija</u> mahruga fis-26 ta' Settembru 2011 f'ammont ta' €183,000. (vide Dok. DIS 4 a fol. 15 u 16 u xhieda ta' Daniel Farrugia).**

Illi ghaldaqstant jirrizulta ipprovat illi l-mandat kawtelatorju 766/2012, huwa eccessiv ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 u li l-ammont kawtelat, anke dak eccessiv kif fuq indikat, **kien gja kawtelat** permezz ta' **garanzija bankarja f'ammont ta'€183,000.** Ghaldaqstant il-mandat huwa soggett ghar-revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12, liema garanzija banakarja qedgha titqies bhala sufficienti biex tikkawtela l-ammont pretiz minn din il-Qorti (Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12).

Illi irid jinghad illi l-meritu tad-digriet finali moghti mill-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit Mckeon **kienu precizament l-istess taxxi** dwar l-istess kawza C&M Developments Limited vs Louis Farrugia u ghall-istess ammonti dritt ghall-Avukat u l-P.L (citazz numru 1283/2009/CFS) – vide fol. 59 tal-atti tal-mandat revoka 992/2012 dwar is-sekwestru numru 1024/2012 u dwar l-istess taxxa fil-kawza

Joseph Caruana & Company Limited vs Dolphin Industrial Services Limited (citazz numru 699/2009) – vide fol. 60 fl-atti tal-mandat revoka 992/2012.

**Illi minkejja r-revoka tal-mandat ta' qbid ezekuttiv 1024/2012 deciz mill-Imhallef Joseph Zammit Mckeon fit-30 t'Ottubru 2012, kien gie intavolat il-mandat ta' qbid kawtelatorju odjern cioe' 766/2012 fl-1 ta' Gunju 2012.**

Illi ghaldaqstant u b'referenza ghall-eccezzjoni moghtija minn Dr. Carmel Chircop fis-sens illi l-mandat in ezami m'huwiex kawtelatorju izda wiehed ezekuttiv, din il-Qorti tgharaf illi jekk dan huwa l-kaz, il-Qorti diversament preseduta kienet gja pronunzjat ruha fuq mandat ezekuttiv mahrug minn Dr. Chircop precizament dwar l-istess taxxi dwar l-istess kawzi, **liema mandat ezekuttiv gie revokat**:

> ***"Din il-Qorti tghid illi sabiex l-att gudizzjarju jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv irid ikun konformi ma` dak it-titolu ezekuttiv kemm ghal dak illi huwa ammont, kemm ghal dik li hija kawza, kemm ghal dak illi huwa l-kreditur, kif ukoll ghal dak illi huwa d-debitur. Dawn il-fatturi huma nieqsa fil-kaz tal-lum."***(Enfasi ta' din il-Qorti)

(Vide sentenza fl-ismijiet **Dr. Carmel Chircop (K.I. 35164M) u P.L. Edgar Montanaro (K.I. 22049M) –vs- Dolphin Industrial Services Ltd (C28232)** tat-**30 t'Ottubru 2012** per **Onor. Imh. Dr. J Zammit McKeon;**
vide ukoll sentenza ta' din l-istess Qorti moghtija fil-**15 ta' Lulju 2013 Fl-atti tal-mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru: 669/2013 CP fl-ismijiet Dr. Carmel Chircop vs Dolphin Industrial Services Limited u b'digiet tas-6 ta' Gunju 2013 gie sostitwiet Loius Farrugia**)

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma illi l-mandat 766/2012 intavolat fl-1 ta' Lulju 2012, hu mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u gie intavolat bhala tali mhux b'mod

accidentali, imma *ex abundanza cautela*, '1 ghaliex il-mandat ezekuttiv 1024/2012 **kien ghadu vigenti** sat-30 t'Ottubru 2012 f' liema data gie revokat.

Illi d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-8 t'Awwissu 2012, cahdet talba ghal hrug ta' kontro-mandat. Dan ma jbiddilx in-natura ta' mandat kawtelatorju ghal wiehed ezekuttiv.

Fid-dawl ta' dana kollu, l-Qorti tqis illi ma jkunx ragionevoli li jinzamm fis-sehh l-mandat kawtelatorju 766/2012 jew xi parti minnu, 'l ghaliex dana mhuwiex aktar gustifikabbli fid-dawl ta' kawtela doppja u fid-dawl tal-kawtela addizzjonali tal-garanzija bankarja ampja gja moghtija.

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma tarax htiega illi tigi ezaminata t-tieni talba tar-rikorrenti Dolphin Industrial Services.

Il-ligi thalli f'idejn il-kreditur l-ghazla ta' kif jikkawtela il-pretensjoni tieghu, u cioe' ghazla f'idejn il-kreditur ta' liema Mandat Kawtelatorju hu l-aktar addattat, fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. **Dan ma jfissirx illi l-kreditur ghandu "*via libera*" li jikkalpesta lid-debitur bl-impozizzjoni ta'kawteli eccessivi, irdoppjati jew bla gustifikazzjoni**. **Hu precizament dan ir-*raison d'etre* tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, u cioe' l-protezzjoni tad-debitur minn mandati kawtelatorji eccessivi u irragonevoli tal-kreditur.**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet ta' Dr. Carmel Chircop, u tilqa' l-ewwel u t-tielet talba tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited u tirrevoka l-mandat 766/2012 fl-ismijiet Dr. Carmel Chircop (ID 35164M) u P.L. Edgar Montanaro (ID 22049M) vs Dolphin lndustrial Services Ltd (C28232) u tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra Dr. Carmel Chircop.

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------